Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 463/2011

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet zzewgu fis-sitta (6) ta’ Marzu tas-sena elf disgha mija tnejn u tmenin (1982) (Ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala ‘Dok A’) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntrat redatt minn Nutar Dottor Joe Cilia sa mill-ewwel (1) ta’ Marzu tas-sena elf disgha mija u disghin (1990) (Ara l-kuntratt ta’ separazzjoni anness u mmarkat bhala ‘Dok B’);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-partijiet irrinunzjaw mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali ai termini tal-Artikolu numru hamsa (5) tal-imsemmi att ta' separazzjoni u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi hija tikkonferma l-fatti u l-kontenut tar-rikors ghad-divorzju ta' A B ID 659756(M)ipprezentat fil-15 ta' Dicembru 2011.

Illi hija tikkonferma li m'hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment.

Illi hija taqbel li r-rikors odjern jissodisfa r-rekwiziti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant taqbel li ghandu jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Dicembru, 2011;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat illi l-partijiet ikkonfermaw ir-rikors u ir-risposta rispettiva taghhom bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt redatt minn Nutar Dr Joe Cilia sa mill-1 ta’ Marzu 1990. Il-Qorti rat illi irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u rat illi l-partijiet kienu irrinunzjaw mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------